20 ta' Jannar, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Emanuele Caruana

*versus*

Avv. Dr. Giovanni Bonello et ne.

**Pagament minn terza persuna — Privileġġ tal-Padrun Dirett — Azzjoni "di rigresso" — Art. 1191, 2113(e) u 2114(a) — Kodiċi Ċivili.**

*Huwa validu wkoll il-ħlas magħmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fl-obbligazzjoni, basta li din il-persuna taġixxi f'isem u għall-ħelsien tad-debitur; jew jekk taġixxi f'isimha stess basta li ma tiġix imdaħħla fil-jeddijiet tal-kreditur.*

*Fi kwalunkwe każ il-kreditur ma jistax jirrifjuta il-ħlas offert lilu minn terza persuna jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur.*

*Il-Padrun dirett għandu privileġġ fuq il-valur ta' dak kollu li jservi biex jgħammar il-fond, anki jekk l-oġġetti jkunu l-proprietà ta' l-inkwilin.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni kollha; premess illi l-imsiefer John Borg b'kuntratt tat-13 ta' Diċembru, 1960 pubblikat għand in-Nutar Francis Micallef, akkwista b'titolu ta' enfitewsi għal żmien sbatax-il sena biss mingħand ċertu George Xuereb il-fond "Liza House", 94, Saint Joseph Street, Paola, liema

fond huwa okkupat mill-attur Emanuele Caruana b'titolu ta' lokazzjoni, u kien ilu jokkupah ċirka sitta u għoxrin sena, u premess illi l-imsemmi John Borg siefer u ma baqax iħallas aktar il-kanone taċ-ċens lill-imsemmi George Xuereb u eżegwixxa l-kuntratt kontra l-istess John Borg u għamel mandat fid-dar ta' l-attur li minn dak iż-żmien huwa beda iħallas il-kanone taċ-ċens lil George Xuereb għan-nom tal-imsiefer John Borg u premess illi l-attur kien iħallas bħala kera s-somma ta' ħmistax-il lira (£15) fis-sena, u l-imsemmi John Borg skond l-imsemmi kuntratt Dok: A, għandu jħallas is-somma ta' tlieta u tletin lira (£33) fis-sena u b'hekk qiegħed jiġi jħallas żejjed għan-nom tal-imsiefer John Borg is-somma ta' tmintax-il lira fis-sena; u premess illi l-attur laħaq ħallas għan-nom ta' l-istess John Borg is-somma ta' tlieta u sittin lira (£63) lil George Xuereb fuq imsemmi u premess ukoll illi l-attur ħallas għan-nom tal-imsiefer John Borg is-somma ta' tlieta u għoxrin lira, xelin u disa' soldi (£23-1-9) lill-istess George Xuereb u dawn għall-ispejjeż ta' proċeduri ġudizzjarji li l-istess George Xuereb kien ħa kontra l-imsiefer John Borg u premess illi b'hekk l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenuti nomine s-somma globali ta' sitta u tmenin lira, xelin u disa' soldi (£86-1-9) — talab illi l-konvenuti nomine jiġu kkundannati minn dina l-Qorti li jħallsu lill-attur is-somma ta' sitta u tmenin lira xellin u disa' soldi (£86-1-9) dovuti lilu kwantu għal tlieta u sittin lira (£63) li l-attur ħallas għan-nom ta' John Borg bħala ċens lil fuq indikat padrun dirett u kwantu ta' tlieta u għoxrin lira, xelin u disa' soldi li hu ħalla lill-istess persuna għan-nom ta' Borg għall-ispejjeż ġudizzjarji li kienu dovuti lill-istess George Xuereb; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-attur qiegħed jippretendi li huwa ntitolat jaġixxi "in regresso" kontra l-konvenut, billi huwa kellu nteress li jħallas iċ-ċens lil George Xuereb li kien padrun dirett tal-fond in kwistjoni, fejn kien joqgħod l-attur bħala inkwilin tal-konvenut, u dana biex jevita r-risoluzzjoni tal-enfitewsi u eventwalment jiġi evitt mill-fond.

Li, irriżulta li fil-fatt George Xuereb, il-padrun dirett, kien għamel xi proċeduri eżekutivi biex jitħallas taċ-ċens li Borg kien naqas li jħallas, u l-attur, billi Borg kien imsiefer, ħallas "de proprio" fl-interess tiegħu, mingħajr ma kien imqabbad mid-debitur.

Li, l-Avukat tal-konvenut issolleva d-diffikultà, jekk ċjoè, l-attur huwiex intitolat għar-rifużjoni ta' l-amonti dedotti fil-kawża, la darba huwa ħallas mingħajr anqas ma kien jaf id-debitur, li anzi huwa interessat fir-risoluzzjoni ta' l-enfitewsi biex id-debitu taċ-ċens ma jibqax jirrikorri fuqu għaż-żmien kollu tad-durata tagħha.

Li, però, fuq l-ammonti mitluba ma jirriżultax li hemm kwistjoni, salvo dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem.

Ikkunsidrat:

Li skond l-artikolu 1191(1)(2) tal-kodiċi Ċivili huwa validu li jipproduċi l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni l-pagament magħmul minn kull persuna li jkollha nteress fiha, bħal min huwa wieħed li jkun obbligat ma' oħrajn jew minn pleġġ. L-obbligazzjoni tista' wkoll tiġi mitmuma bil-ħlas magħmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li dina l-persuna taġixxi f'isem u għall-ħelsien tad-debitur, jew jekk taġixxi fl-isem tagħha nifisha, basta li ma tiġix imdaħħla fil-jeddijiet tal-kredituri; u fi kwalunkwe każ, il-kreditur ma jistax jirrifjuta l-ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk

il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur.

Ikkunsidrat:

Li huwa tajjeb li jiġi rilevat li hawn m'aħniex fl-ipotesi kontemplata mill--art. 1191 (1) ġa fuq ċitat, dik ċjoè li tirrigwarda l-pagament tat-terz interessat, għaliex l-attur mhuwiex ko-obbligat fis-sens li seta' jiġi forzat iħallas prinċipalment jew aċċessorjament, bħal ma huwa l-"correo debendi" fl-obbligazzjoni solidali jew indivisibbli, jew il-fidejussur.

Li għall-grazzja ta' l-argument, huwa xieraq li jiġi rilevat li l-attur mhuwiex estraneu għal kollox f'dina s-sitwazzjoni maħluqa mill-fatt ta' l-inadempjenza tal-konvenut. Infatti, jekk bħala inkwilin tal-utili dominju l-attur jista' jingħad li huwa detentur tal-fond, li huwa soġġett għall-privileġġ tal-kreditu tal-padrun dirett għaċ-ċens li jkollu jagħti ċ-ċenswalist liema privileġġ jestendi ruħu fuq il-valur ta' dak kollu li jservi biex jgħammar il-fond etc. (Art. 2113(e), 2114(a) Kod. Ċiv.) — anki taħt dana l-aspett l-attur jista' jiġi kkunsidrat bħala interessat fil-pagament taċ-ċnus skaduti. Huwa, anki indirettament, kif del resto ġara, jista' jiġi konvenut mill-kreditur, għalkemm mhuwiex tenut personalment: "Ma appunto per questo la sua posizione è più degna di considerazione; si deve dunque attribuirgli il diritto di prevenire il pericolo che lo minaccia" (Baudry Lacantinerie; "Obbligazioni", Vol II, para. 1388, paġ. 507).

Li, tibqa' dejjem però, il-kwistjoni prospettata mill-istess artikolu ġa fuq ċitat fit-tieni inċis, dik ċjoè, rigwardanti l-pagament magħmul mit-terz mhux interessat.

Li, proprjament ma jistax jingħad li l-attur ma kienx interessat iħallas f'ismu proprju iċ-ċnus skaduti, għaliex id-dekadenza li fiha setgħet tinkorri l-enfitewsi kienet tolqtu, kif

ġa ġie rilevat, direttament, bħala inkwilin tal-fond. Josserva infatti Giorgi: "Estingue certamente l'obbligazione chiunque senza pure assume l'obbligo para 'etiam pro invito et ignorante debitore'; perchè conseguito il pagamento, al creditore nulla più resta di pretendere...... D'altronde il creditore ha un legittimo interesse ad esigere, mentre al debitore manca ogni interesse ad opporsi; che può egli infatti temere dal terzo che ha pagato? Le azioni di regresso; ma queste azioni, anche quando siano accompagnate da surrogazione non possono mai peggiorare la condizione di esso debitore" (Teoria delle Obbligazioni; Vol. VII, para. 122, paġ. 138-139).

Li, f'dana l-każ id-debitur anqas ma jista' jikkontrasta l-pagament li jkun ġie effikaċement aċċettat mill-kreditur, bħal ma ġara fil-każ in eżami (Toullier IV, 10 u 12; Duranton XII, 18 u 19; Marcade 1236).

Li, dawna l-prinċipji jidhru li sabu riperkussjoni fil-fehma tat-Tribunali tagħna li rritenew: "in qualunque dei casi sopra espressi, nasce a favore di colui che paga un'azione per la ripetizione di cio che ha pagato, salvo che si dimostri che egli abbia sodisfatto il debito 'animo donandi' ...... non è men vero che diversa è l'efficacia dell'azione suddetta secondo che colui che paga abbia agito in nome del debitore o in nome proprio...... Nel secondo caso l'efficacia dell'azione è dipendente dall'utilità che il pagamento fatto pel debitore, ma in nome proprio, gli arreca, e non può estendersi al di là di quei limiti" (Kollez. XVI., ii, 308).

Ikkunsidrat:

Li, ma jistax jiġi kontrastat li l-attur ħallas, f'ismu proprju, id-dejn taċ-ċens dovut mill-konvenut lill-padrun dirett; b'dana l-pagament il-konvenut irrikava l-utilità li ma jiddekadix mill-enfitewsi; liema dekadenza ma tiddependix

unilateralment minnu biss, u għalhekk huwa kien jibqa' obbligat għal dana l-pagament, sad-durata ta' l-enfitewsi, jew sakemm il-padrun dirett jaġixxi kontra tiegħu għar-risoluzzjoni ta' l-istess enfitewsi.

Li xejn ma jiswa li l-konvenut li minn dina l-enfitewsi mhuwiex qiegħed jagħmel il-profitti sperat, billi huwa qiegħed iħallas £33 ċens fis-sena mentri l-attur bħala inkwilin tiegħu qiegħed iħallas il-kera ta' £18 fis-sena; għaliex il-liġi f'dina l-materja ma tħarisx lejn is-sitwazzjoni personali taddebitur fil-konfront tat-terz, iżda lejn il-vantaġġ objettiv li d-debitur jirrikava bil-pagament li t-terz ikun għamel fl-interess tiegħu.

Li, ma rriżulta minn imkien li l-konvenut fisser l-intenzjoni tiegħu li ma jkomplix fl-enfitewsi, jew li, b'xi mod oppona ruħu għall-pagamenti taċ-ċens li għamel l-attur fl-interess tiegħu. F'kwalunkwe każ anki kieku rriżulta li l-konvenut oppona ruħu għall-pagament — li mhuwiex il-każ — tad-dejn li kellu ma' George Xuereb, f'dina l-ipotesi huwa konvenjenti kif josserva Baudry Lacantinerie "adottare la soluzione del diritto romano e del Pothier, che giungevano al punti da formulare in termini assoluti il diritto per i terzi di pagare contro la volontà del debitore" (Trattato di Dritto Civile — Delle Obbligazioni Vol II, para 1393, pag. 509; Pothier, Obbligazione n. 499; Demolombe XXVII, n. 60). Dina t-teorija hija meħuda mid-Digesto u applikata mill-maġġor parti tal-awturi fl-istudji ġuridiċi tagħhom li jipproduċu t-test Roman letteralment: "Solvere pro ignorante et invito cuique licet, cum set jure civili constitutum licere etiam ignorantis invitique meliorem conditionem facere" (L. 53, De Solut. XLVI, 3).

Ikkunsidrat:

Li, għalkemm ir-rifużjoni taċ-ċens mitlub mill-attur għandha tiġi milqugħa ma jistax jingħad l-istess ħaġa għar-rifużjoni ta' l-ispejjeż ġudizzjarji li l-attur qiegħed jippretendi li ħallas fl-interess tal-konvenut; u dana għal-motivi segwenti:

1) L-attur ma ppruvax bl-aħjar mod li trid il-liġi l-erogazzjoni ta' dawna l-ispejjeż. Infatti, skond tliet verbali reġistrati fil-proċess a fols: 12 u 17, l-attur kellu jipproduċi taxxa ta' dawn l-ispejjeż; iżda sal-lum ma għamel xejn, u għalhekk il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li teżamina u, okkorrendo, tapprova dawna l-ispejjeż;

2) L-utilità ta' dawna l-ispejjeż għall-konvenut tidher ferm diskutibbli, għaliex jekk l-attur kellu "ab initio" l-interess li jesprometti l-padrun dirett, ma messux ħalla li dawna l-ispejjeż isiru u jiżdiedu sal-pont li tiġi aggravata l-pożizzjoni tal-konvenut, mingħajr ebda bżonn, u żgur mingħajr ebda vantaġġ għalih (v. Toullier, IV, 11).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur limitament għas-somma ta' tlieta u sittin lira (£63) u tiċħadha għall-kumplament.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti skond ir-rebħ u t-telf rispettiv.